Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,587, 4 ta' Mejju, 2010
Taqsima B

A.L. 257 tal-2010

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regoli tal-2010 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Kundizzjonijiet tas-Saħħa li jirregolaw il-Kummerċ Intra-Komunitarju ta' Annimali Ovini u Kaprini

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 8 u 9 tal-Att dwar is- Servizzi Veterinarji, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli huwa Regoli tal-2010 dwar il-Kundizzjonijiet tas-Saħha li jirregolaw il-Kummerċ Intra-Komunitarju ta' Annimali Ovini u Kaprini u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli tal-2005 dwar il- Kundizzjonijiet tas-Saħha li jirregolaw il-Kummerċ Intra-Komunitarju ta' Annimali Ovini u Kaprini hawn aktar 'il quddiem msejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 293 tal-2005.

Jissostitwixxi r-regola 8 tar-regoli prinċipali.

2. Minflok ir-regola 8 tar-regoli prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:-

"8. (1) L-Awtorità kompetenti għandha toħroġ numru ta' approvazzjoni għal kull ċentru ta' assemblaġġ approvat. L-approvazzjonijiet jistgħu jkunu limitati għal speċi waħda jew aktar koperti minn dawn ir-regoli jew għal annimali għat-trobbija jew għat-tismin, jew għal annimali għall-qatla. L-Awtorità kompetenti għandha tfassal u żżomm aġġornata lista ta' ċentri ta' assemblaġġ approvati u n-numri ta' approvazzjoni uniċi tagħhom u tara li tagħmel dan disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku.

(2) L-Awtorita` kompetenti għandha tfassal u żżomm aġġornata lista tan-negozjanti approvati u tal-istabbilimenti reġistrati li jkunu qed jintużaw min-negozjanti f'dak li għandu x'jaqsam man-negozju tagħhom u n-numri ta' approvazzjoni tagħhom u għandha tara li tagħmel dan disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni uniformi ta' din is-subregola jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fis-subregola (2) tar-regola 15 ta' dawn ir-regoli.".